MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 42/2006

**Joseph Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Whitefront Company Limited (227951M)**

**Vs**

**Massimo Zahra 287171(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Jannar 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm273.52), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra n-nota ta' l-istess attur noe pprezentata fit-2 ta' Frar 2006 li permezz taghha ceda l-kawza fil-mertu stante

pagament, filwaqt illi zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez u l-imghaxijiet skond kif mitluba fl-Avviz tat-talba;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe. sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur noe tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur noe. l-ispejjez kollha ta’ din l-istanza u l-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------